MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 601/2005

**Where's Everybody? u b'digriet tal-15 t'April, 2005 giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi jitnizzel "Jean Paul Mifsud (i.d.275574M) ghan-nom u in rappresentanza ta' Where's Everybody?" minflok "Where's Everybody?"**

**vs**

**Karl Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Fantasy Tours**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu, 2005 fejn intalab:**
**i. illi jigi dikjarat li l-konvenut huwa debitur fil-konfront taghha fl-ammont ta' elf u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1017.29) skond l-annessi fatturi mmarkati Dokumenti A sa E, u dana in**

**konnessjoni ma' riklami illi saru fuq il-gazzetta Fuq ix-Xarabank bejn is-7 ta' Ottubru u t-30 ta' Dicembru, 2002, it-12 ta' Mejju u t-30 ta' Gunju, 2003, u f'Novembru 2003, u dana fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut;**
**ii. Illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta' elf u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1017.29), bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur noe et fil-31 ta' Mejju, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur noe, jiddikjara lill-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa, debitur fil-konfront tal-attur nomine fl-ammont ta' elf u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1017.29), u jikkundannah ihallas lill-attur nomine et is-somma ta' elf u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1017.29), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-10 ta' Marzu, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------